32000D0463

22.7.2000 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 183/21

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-17 ta' Lulju 2000

li tagħraf fil-prinċipju t-tkomplija tad-*dossier* sottomess għal eżaminazzjoni dettaljata bil-intenzjoni tad-dħul possibbli ta' l-MKH 65 61 (propoxycarbazone-sodju) fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE li tirigwarda l-kummerċ ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti

(notifikata bin-numru tad-dokument C(2000) 2006)

(2000/463/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tirrigwarda l-kummerċ ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti [1], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2000/10/KE [2], u partikolarment l-Artikolu 6(3) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 91/414/KEE (minn issa 'l quddiem imsejħa "id-Direttiva") tipprovdi għall bini ta' lista Komunitarja dwar is-sustanzi attivi awtorizzati sabiex jintużaw bħala prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti.

(2) Bayer AG issottomettiet *dossier* dwar is-sustanza attiva MKH 65 61 (propoxycarbazone-sodju) lill-awtoritajiet Ġermaniżi fil-25 ta' Jannar 2000.

(3) L-awtoritajiet imsemmija għarrfu lill-Kummissjoni bir-riżultati ta' l-eżaminazzjoni tal-bidu dwar id-*dossier* sabiex jiġi żgurat illi jipprovdi t-tagħrif kollu preskrit fl-Anness II u, għall-inqas prodott wieħed li fih is-sustanza attiva interessata, fl-Anness III ta' mad-Direttiva. Sussegwentement, b'mod konformi ma' l-Artikolu 6(2), l-applikant issottometta d-*dossier* lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri.

(4) Id-*dossier* dwar il-MKH 65 61 (propoxycarbazone-sodju) kien riferit lill-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti fl-10 ta' Marzu 2000.

(5) L-Artikolu 6(3) tad-Direttiva jirrikjedi konferma uffiċjali fil-livell tal-Komunità illi kull *dossier* iwettaq il-ħtieġijiet dwar it-tagħrif preskritt fl-Anness II u, għall-inqas prodott wieħed għall-protezzjoni tal-pjanti ikun fih is-sustanza attiva interessata, fl-Anness III ta' mad-Direttiva.

(6) Din il-konferma hija meħtieġa sabiex tippermetti l-eżaminazzjoni dettaljata tad-*dossier* u sabiex tippermetti lill-Istati Membri jikkonċedu awtorizzazjoni proviżorja filwaqt li jitħarsu l-kondizzjonijiet preskritti fl-Artikolu 8(1) tad-Direttiva u, partikolarment, il-kondizzjoni li tirrigwarda l-eżaminazzjoni dettaljata tas-sustanza attiva u tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti fid-dawl tal-ħtiġijiet preskritti mid-Direttiva.

(7) Din id-deċiżjoni ma tippreġudikax li jistgħu jintalbu iktar fatti magħrufa jew tagħrif mingħand l-applikant sabiex jiġu ċċarati ċerti punti fid-*dossier*. It-talba mill-Istat Membru (li jagħmilha ta') *rapporteur* għas-sottomissjoni ta' iktar fatti magħrufa meħtieġa sabiex jiġi ċċarat id-*dossier* ma għandhiex taffettwa l-limitu taż-żmien għas-sottomissjoni tar-rapport msemmi fl-inċiż 9.

(8) L-Istati Membri u l-Kummissjoni jaqblu illi l-Ġermanja għandha twettaq l-eżaminazzjoni dettaljata tad-*dossier* dwar il-MKH 65 61 (propoxycarbazone-sodju).

(9) Il-Ġermanja għandha tirrapporta l-konklużjonijiet ta' l-eżaminazzjonijiet tagħhom akkumpanjati b'kull rakkommandazzjoni dwar id-dħul jew it-tħollija barra u b'kull kondizzjoni li għandha x'taqsa magħhom malajr kemm jista' jkun u l-iktar tard f'perjodu taż-żmien ta' sena mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-deċiżjoni.

(10) Il-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni jikkonformaw ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-dokument li ġej jissodisfa fil-prinċipju l-ħtiġijiet dwar it-tagħrif preskritti fl-Anness II u, li għall-inqas prodott wieħed għall-protezzjoni tal-pjanti li jkun fih is-sustanza attiva interessata, fl-Anness III tad-Direttiva filwaqt li jitqiesu l-użi maħsuba:

id-*dossier* sottomess mill-Bayer AG lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri bil-ħsieb li jiddaħħal il-MKH 65 61 (propoxycarbazone- sodju) bħala sustanza attiva fl-Anness I ta' tad-Direttiva 91/414/KEE u li ġie riferit lill-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti fl-10 ta' Marzu 2000.

[1] ĠU L 230, tad-19.8.1991, p. 1.
[2] ĠU L 57, tat-2.3.2000, p. 28.

Artikolu 2

Dan id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-17 ta' Lulju 2000.

Għall-Kummissjoni
David BYRNE
Membru tal-Kummissjoni